

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-561 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW — JDE62 —  
INTERACTIO, 9.6.2021–10.6.2021

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta’ Orizzont Ewropa”**

(COM(2021) 87 final — 2021/0048 (NLE))

(2021/C 341/04)

Relatur Ġenerali: **Anastasis YIAPANIS**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 6.5.2021
Bażi legali	Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	23.3.2021
Adottata fil-plenarja	9.6.2021
Sessjoni plenarja Nru	561
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	160/0/3

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) iqis li r-riżultati finali tal-attività tal-impriżi konġunti huma tal-akbar importanza għall-futur tal-ekonomija Ewropea. L-impetu biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi kollha possibbli u nittrasformaw l-ekonomija tagħna huwa issa, bl-għoti tas-setgħa lit-teknoloġiji rivoluzzjonarji u lill-mudelli ekonomiċi sostenibbli.

1.2 L-interazzjoni u l-kollaborazzjonijiet ma’ sħubijiet Ewropej oħra għandhom jiffukaw fuq riżultati strateġiċi u dawk immexxija mill-impatt. Is-sinerġiji bejn il-programmi ta’ finanzjament differenti tal-Unjoni u l-politiki tal-Unjoni, kif ukoll is-sinerġiji mal-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali pprovdut fil-livell tal-Istati Membri, huma vitali biex jiġi ggarantit li l-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni jkollhom l-akbar impatt possibbli.

1.3 Mhuwiex daqshekk ċar jekk u kif is-sħubijiet Ewropej se jkun miftuħa għall-akbar numru ta’ partijiet ikkonċernati possibbli. Il-KESE jqis li l-prinċipji tal-parteċipazzjoni miftuħa u t-trasparenza għandhom jirregolaw l-attività tal-impriżi konġunti kollha.

1.4 L-involvement tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa ta’ importanza kbira għas-suċċess tal-impriżi konġunti, kemm bħala fornituri ta’ għarfien espert kif ukoll bħala mezz ta’ komunikazzjoni. Il-KESE jappella għal djalogu permanenti tas-soċjetà ċivili fil-gruppi konsultattivi eżistenti tal-impriżi konġunti u l-inklużjoni tal-imsieħba soċjali rilevanti u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) fil-gruppi tal-partijiet ikkonċernati tal-impriżi konġunti.

1.5 Regoli eteroġeni fl-impriżi konġunti differenti joħolqu nuqqas ta’ ċarezza u l-KESE jitlob approċċ omoġenju kemm jista’ jkun, filwaqt li tiġi jirrispetta l-ispeċifità ta’ kull impriża konġunta.

1.6 Il-KESE jinsab imħasseb dwar in-numru limitat ta' organizzazzjonijiet li ġew imsejħa bħala fundaturi privati għal diversi impriżi. Huwa jappella wkoll għall-ftuħ u għat-trasparenza fl-għażla tal-membri assoċjati. L-impriżi konġunti għandhom ifittxu li jattiraw is-sħubija tal-akbar numru ta' Stati Membri possibbli. Il-benefiċċju li wieħed isir membru huwa limitat ħafna meta wieħed iqis il-prinċipju tas-sejħet miftuħa għall-finanzjament. Għalhekk, l-għadd ta' siġġijiet privati fil-bord ta' tmexxija għandu jżied, bħal fl-Impriża Konġunta tal-Avjazzjoni Nadifa.

1.7 L-Artikolu 26(4)(b) għandu jinbidel għal “[il-]kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri u tas-sħab kontribwenti għall-impriża konġunta għall-kostijiet operazzjonali”. Ir-rwol tal-imsieħba kontribwenti mhuwiex ċar f'termini ta' parteċipazzjoni fl-attivitajiet, involviment fil-governanza, benefiċċju biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, eċċ.

1.8 Hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat kemm jista' jkun l-effett ta' ingranaġġ tal-finanzjament tal-UE u li jitrawmu kontribuzzjonijiet privati li jirriflettu l-kapaċità tal-kontributori. Il-KESE japprezza l-proposta li l-kostijiet annwali għall-SMEs għandhom ikunu sinifikament inqas u huwa favur li parti mill-baġit tal-impriżi konġunti tiġi ddedikata għall-attivitajiet tal-SMEs.

1.9 Il-KESE jappella għal spjegazzjoni preċiża tal-proċedura biex jitwaqqaf il-programm ta' ħidma għal kull impriża konġunta u biex tiġi inkluża fil-parti I tar-Regolament. Id-disponibbiltà sħiħa tar-riżultati finali tar-riċerka għandha tinxtered fost il-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE.

1.10 Il-KESE japprezza ħafna l-proposta li jiġi eliminat l-obbligu għall-imsieħba li jirrapportaw dwar il-kostijiet mhux eliġibbli u l-intenzjoni li jiġi evitat awditjar doppju.

1.11 L-interess proprju tal-UE jrid jiġi segwit u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-kapaċità tal-Ewropa għall-innovazzjoni jridu jissaħħu. Il-KESE jirrimarka b'mod ċar li r-riżultati tar-riċerka mill-impriżi konġunti għandhom jintużaw b'mod tajjeb mill-aspett industrijali fl-UE bl-użu tat-teknoloġija Ewropea.

1.12 L-innovazzjoni u l-privattivi Ewropej għandhom jiġu protetti sew minn intenzjonijiet ostili u spjunaġġ ekonomiku. L-implimentazzjoni tal-Privattiva Unitarja Ewropea hija essenzjali u l-proprjetà intellettwali u l-privattivi huma kwistjoni ewlenija, iżda mhumix imsemmija fil-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni.

1.13 Il-KESE jilqa' l-obbligi ta' monitoraġġ għall-inklużjoni tal-SMEs, il-kompożizzjoni ġeografika u r-rata ta' kofinanzjament. Għandhom jiġu introdotti wkoll indikaturi kwalitattivi, bħat-tip ta' innovazzjonijiet miġjuba, il-vantaġġi għas-soċjetà ċivili u l-għadd ta' impjegji ġodda maħluqa.

## 2. Introduzzjoni

2.1 L-istrateġija ta' rkupru Ewropea hija ċara ħafna, u tiffoka fuq it-tranżizzjoni doppja: ekoloġika u diġitali, u tindirizza d-dipendenzi strateġiċi. F'dan ir-rigward, l-impriżi konġunti għandhom rwol importanti ħafna biex jgħaqqdu flimkien l-għarfien espert Ewropew minn setturi ekonomiċi differenti, irawmu l-kompetittività, itejbu l-ħiliet u jsaħħu l-bażi industrijali.

2.2 Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-ħolqien ta' disa' impriżi konġunti, fl-ambitu tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea”: Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, Avjazzjoni Nadifa, Idroġenu Nadif, il-Ferrovija tal-Ewropa, Saħħa Globali EDCTP3, Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva, Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, Ajru Uniku Ewropew, Riċerka dwar l-ATM u Networks u Servizzi Intelliġenti.

2.3 L-aġendi tal-impriżi konġunti kollha għandhom jibnu fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>(1)</sup>, l-Istrateġija Diġitali Ewropea<sup>(2)</sup>, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti<sup>(3)</sup> u għandhom jitraduċu l-għanijiet tal-aġġornament tal-Istrateġija Industrijali tal-2020: Lejn suq uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa<sup>(4)</sup>. Dawn għandhom jinkludu l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE, l-SMEs, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati oħra. Sa issa dan ma kienx il-każ.

(1) COM(2019) 640 final.

(2) COM(2020) 67 final.

(3) L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(4) [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_21\\_1884](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_1884).

2.4 L-oġġettiv ewlieni tal-impriżi konġunti huwa li jstimulaw ir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni, filwaqt li jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekonomika, soċjali, diġitali u ekoloġika. Huwa ċar ħafna li l-impriżi konġunti għandhom il-kapaċità li jiżviluppaw sħubijiet pubbliċi-privati b'saħħithom li kapaċi jsaħħu t-tmexxija tal-UE, jagħtu spinta lill-kompetittività u t-tkabbir u jiġbru l-għarfien, l-għarfien espert u l-eċċellenza xjentifika minn madwar l-Unjoni u l-pajjiżi terzi. Il-kondiviżjoni tal-għarfien fit-territorji, u fost iċ-ċittadini u n-negozji hija importanti ħafna.

2.5 Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma wkoll estremament importanti għall-irkupru sostenibbli tal-Ewropa wara l-pandemija, filwaqt li jiżguraw il-kompetittività tal-ekonomija, il-ħolqien tal-impjegi, it-tkabbir sostenibbli u jikkontribwixxu għall-awtonomija tagħha. Huwa biss permezz ta' investiment kbir fir-riċerka u l-innovazzjoni li l-UE tipprevali fuq il-livell dinji. L-impetu biex jiġu mmobilizzati r-riżorsi kollha possibbli u nittrasformaw l-ekonomija tagħna huwa issa, bl-għoti tas-setgħa lit-teknoloġiji rivoluzzjonarji u lill-mudelli ekonomiċi sostenibbli.

2.6 F'termini ta' investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-UE għadha lura meta mqabbla ma' partijiet oħra tad-dinja, speċjalment l-Istati Uniti u l-Asja. L-istess jgħodd għall-kapaċità u l-ħeffa li biha r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp jissarf u prodotti u servizzi innovattivi. Dan mhuwiex aċċettabbli fuq medda twila ta' żmien u l-Ewropa tista' ssir mexxejja dinjija biss jekk tikkapitalizza fuq l-impetu maħluq minn Orizzont 2020. Il-KESE diġà wissa li "[l]t-teknoloġiji żviluppatti fl-Ewropa sikwit wisq huma ikkummerċjalizzati x'imkien ieħor. L-UE ma kinitx kapaċi toħloq ġganti tat-teknoloġija. Huma ftit wisq il-kumpaniji innovattivi ewlenin ġodda li jikbru u jsiru kumpaniji kbar intensivi fl-użu tar-R&Ż" <sup>(5)</sup>.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 L-impriżi konġunti qed jimmobilizzaw fondi Ewropej, nazzjonali u privati bil-ħsieb li jgħaqqdu flimkien il-partijiet ikkonċernati l-aktar importanti miż-żona Ewropea tar-riċerka, inklużi l-pajjiżi assoċjati. Il-KESE jqis li r-riżultati finali tal-attività tagħhom huma ta' importanza kbira għall-futur tal-ekonomija Ewropea.

3.2 Trasparenza sħiħa u attivitajiet ambizzjużi mmexxija mill-oġġettivi għandhom jikkarakterizzaw l-attività ta' kull impriża konġunta. L-interazzjoni u l-kollaborazzjonijiet ma' sħubijiet Ewropej oħra, u speċjalment ma' xi 120 inizjattiva ta' sħubija oħra f'Orizzont 2020, għandhom jiffukaw fuq riżultati strateġiċi u xprunati mill-impatt. Fl-aħħar nett, "[i]s-sinerġiji bejn id-diversi programmi ta' finanzjament tal-Unjoni u l-politiki tal-Unjoni, jiġifieri mal-fondi strutturali permezz ta' regolamenti kompatibbli, huma vitali biex jiggwarantixxu l-akbar impatt ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni" <sup>(6)</sup>.

3.3 Il-KESE japprezza l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ is-sħubijiet Ewropej għall-akbar numru possibbli ta' partijiet ikkonċernati, iżda mhuwiex daqshekk ċar jekk dan huwiex se jsir u b'liema mod. Il-membri fundaturi privati huma pjuttost limitati, filwaqt li l-membri assoċjati għandhom jintgħażlu minn bord ta' tmexxija limitat. Mhuwiex ċar ukoll kif l-imsieħba kontribwenti se jiġu inċentivati biex jingħaqdu mal-impriżi konġunti. Fl-aħħar nett, il-KESE jqis li l-prinċipji tal-parteċipazzjoni miftuħa u t-trasparenza għandhom jirregolaw l-attività tal-impriżi konġunti kollha.

3.4 Il-KESE jirrimarka li l-parti II tar-Regolament xi drabi timplika approċċi u regoli organizzazzjonali differenti għall-impriżi konġunti. Hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat kemm jista' jkun l-effett ta' ingranaġġ tal-finanzjament tal-UE u li jitrawmu kontribuzzjonijiet privati li jirriflettu l-kapaċità tal-kontributori.

3.5 F'termini ta' rappreżentazzjoni ġeografikament bbilanċjata, hija biss l-Impriża Konġunta tal-Ferrovija tal-Ewropa li tintroduċi regola organizzazzjonali bħal din. Barra minn hekk, għalkemm il-kooperazzjoni bejn l-impriżi konġunti hija importanti ħafna, din tissemma biss fir-rigward tal-Impriżi Konġunti tal-Avjazzjoni Nadifa u SESAR.

3.6 Il-KESE josserva wkoll li fil-każ tal-Impriżi Konġunti tal-Idroġenu Nadif, EDCTP 3, tan-Network u s-Servizzi Intelliġenti u tat-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, ma hemm l-ebda referenza għall-għażla tal-membri assoċjati. Barra minn hekk, fxi każijiet dawn iridu jiġu approvati mill-Kummissjoni filwaqt li f'oħrajn sempliċement jintgħażlu mill-bord ta' tmexxija. Il-KESE jemmen li regoli omoġenji jgħolqu aktar ċarezza.

<sup>(5)</sup> ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108.

<sup>(6)</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 33.

3.7 Il-KESE jinsab imħasseb dwar in-numru limitat ta' organizzazzjonijiet li ġew imsejħa bħala fundaturi privati għal diversi impriżi. Huwa importanti ħafna li d-disponibbiltà u l-aċċess għall-impriżi konġunti jkunu wiesgħa kemm jista' jkun. Il-KESE jappella għal analiżi bir-reqqa li tiffoka fuq it-tweġġigh tal-membri fundaturi proposti għall-impriżi konġunti kollha u fuq il-ftuħ u t-trasparenza fl-għażla tal-membri assoċjati. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-politiki nazzjonali u reġjonali, l-impriżi konġunti għandhom ifittxu li jattiraw is-sħubija tal-akbar numru ta' Stati Membri possibbli. Il-benefiċċju li wieħed isir membru huwa limitat ħafna meta wieħed iqis il-prinċipju tas-sejħiet miftuħa għall-finanzjament. Għalhekk, il-KESE jqis li l-għadd ta' siġġijiet privati fil-bord ta' tmexxija għandu jidded, bħal fil-każ tal-Impriża Konġunta tal-Avjazzjoni Nadifa.

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1 L-Istati Membri għandhom ekosistemi tal-innovazzjoni strutturali differenti, filwaqt li r-riċerka u l-innovazzjoni b'suċċess ma jiffjorixxux bl-istess mod. Il-KESE jappella għal investimenti mill-Istati Membri kollha u l-involviment tagħhom, speċjalment dawk inqas avvanzati. L-attività tal-impriżi konġunti trid tkun sinkronizzata ma' programmi oħra tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza <sup>(7)</sup>. L-Istati Membri għandhom jingħataw il-parir li jibnu rabtiet strutturali tal-pjani nazzjonali ta' rkupru tagħhom mal-Aġendi Strateġiċi għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Impriżi Konġunti u jgħolqu sinerġiji, inklużi l-programmi ta' finanzjament fil-livell nazzjonali.

4.2 Il-KESE japprezza l-kontribuzzjoni baġitarja mill-baġit tal-UE ta' kważi EUR 10 biljun. Huwa jqis li din tista' tiżdied f'xi setturi kruċjali sabiex jiġu mmobilizzati riżorsi addizzjonali importanti mis-settur privat u mill-baġits tal-Istati Membri. Il-ftehim dwar l-Oqfsa Finanzjarja Pluriennali minn Diċembru 2020 rigward EUR 5 biljun li għandhom jiġu allokati min-Next Generation EU lill-Orizzont Ewropa għandu jagħti bidu għall-finanzjament tal-impriżi konġunti li jkopru s-setturi li ntlaqtu ħafna mill-pandemija tal-COVID-19 u dawk li jindirizzaw id-dipendenzi strateġiċi. Madankollu, l-Artikolu 26(4) (b) għandu jinbidel għal "il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri u tas-sħab kontribwenti għall-impriża konġunta għall-kostijiet operazzjonali".

4.3 Il-KESE jitlob li jkun hemm aktar ċarezza, trasparenza u analiżi kost-benefiċċji *ex ante* rigward il-proposta li jiġi stabbilit back office komuni għall-impriżi konġunti kollha sabiex jiġi vvalutat jekk hux se jkun hemm valur miżjud reali u gwadann f'dik li hija effiċjenza. Barra minn hekk, il-KESE jistenna li l-amministrazzjoni tal-back office tkun kompletament trasparenti għaċ-ċittadini u għan-negozji u li jsir użu mill-aqwa teknoloġija disponibbli, inklużi l-blockchain, l-analiżi tal-big data eċċ.

4.4 L-involviment tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa ta' importanza kbira għas-suċċess tal-impriżi konġunti. Għandhom ikunu involuti sew kemm bħala fornituri ta' għarfien espert kif ukoll bħala mezzi ta' komunikazzjoni, sabiex il-progress u r-riżultati finali jilhqgħu l-komunità tan-negozju Ewropea kollha, flimkien mal-ħaddiema, mal-konsumaturi u maċ-ċittadini. Il-KESE jappella għal djalogu permanenti tas-soċjetà ċivili fil-gruppi konsultattivi eżistenti tal-impriżi konġunti u l-inklużjoni tal-imsieħba soċjali u tal-OSC rilevanti fil-Gruppi tal-Partijiet Ikkonċernati.

4.5 Il-KESE huwa tal-fehma li għandu jkun hemm diversi differenzi fl-organizzazzjoni tal-impriżi konġunti, peress li dawn ikopru setturi differenti b'karatteristiċi speċifiċi. Madankollu, il-prinċipji tal-parteċipazzjoni miftuħa għall-partijiet ikkonċernati kollha u l-aċċess għall-SMEs għandhom jiġu speċifikati b'mod ċar għall-impriżi konġunti kollha. Dan mhuwiex il-każ bħalissa. Il-KESE qal li "[m]inkejja l-isforzi preċedenti matul il-programmi ta' qafas, l-SMEs għandhom ikunu aktar involuti f'attivitajiet ibbażati fuq l-innovazzjoni u r-riċerka u l-Orizzont Ewropa se jkun l-aħjar ċans li jinvolvihom" <sup>(8)</sup>.

4.6 L-SMEs għandhom problemi komuni u jeħtieġu appoġġ biex iżidu u jilhqgħu s-swieg internazzjonali. Il-KESE japprezza li l-kostijiet amministrattivi annwali għall-SMEs għandhom ikunu ħafna inqas milli għall-kumpaniji l-kbar. Madankollu, mhuwiex ċar għalix ir-rappreżentanti tal-SMEs huma inklużi f'xi bordijiet ta' tmexxija (eż. Impriża Konġunta Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika, tal-Avjazzjoni Nadifa) u mhux f'oħrajn.

4.7 Il-KESE jqis li parti mill-baġit tal-impriżi konġunti għandha tkun iddedikata għall-attivitajiet tal-SMEs. Tali baġit għandu jkun disponibbli mill-aktar fis possibbli wara l-istabbiliment tal-impriżi konġunt u għandu jkun disponibbli b'mod ċar fuq is-sit web uffiċjali ta' kull impriża konġunta.

<sup>(7)</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

<sup>(8)</sup> ĠU C 62, 15.2.2019, p. 33.

4.8 Il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżgura li l-fondi disponibbli jkunu miftuħa għall-parteċipanti kollha li huma lesti li jwieġbu għas-sejħiet fl-impriżi konġunti kollha, u li l-aċċettazzjoni tal-proġetti tkun trasparenti u ġusta. Il-KESE jwissi kontra l-possibbiltà li xi organizzazzjonijiet li huma appoġġjati mill-membri fundaturi tal-impriżi konġunti jista' jkollhom xi tip ta' faċilità ta' aċċess preferenzjali. Dan jibdel il-programm fi skema kbira ta' appoġġ għas-sussidji, li l-KESE jqis li huwa totalment inaċċettabbli.

4.9 Il-KESE jappella għal spjegazzjoni preċiża tal-proċedura biex jitwaqqaf il-programm ta' ħidma għal kull impriża konġunta u biex tiġi inkluża fil-parti I tar-Regolament. Huwa ċar li għandha tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-impriżi konġunti jiffinanzjaw programmi ta' riċerka li l-kumpaniji xorta waħda kienu jwettqu. Fl-aħħar nett, il-KESE jitlob li r-riżultati finali tar-riċerka jkunu disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE.

4.10 F'termini ta' semplifikazzjoni, il-KESE japprezza ħafna l-proposta biex jiġi eliminat l-obbligu għall-imsieħba li jirrappurtaw dwar il-kostijiet mhux eliġibbli u l-intenzjoni li jiġi evitat awditjar doppju. Jilqa' wkoll it-tneħħija tal-ħtieġa tal-awditjar tal-kostijiet addizzjonali tal-attivitajiet, jew mill-impriża konġunta jew minn kwalunkwe awtorità oħra tal-UE.

4.11 Il-ġbir tal-akbar numru possibbli ta' partijiet ikkonċernati internazzjonali huwa importanti għas-suċċess tal-impriżi konġunti. Madankollu, l-interess tal-UE stess irid jiġi segwit u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-kapaċità tal-Ewropa għall-innovazzjoni jridu jissaħħu. Il-KESE jirrimarka b'mod ċar li r-riżultati tar-riċerka mill-impriżi konġunti għandhom jiġu sfruttati mill-aspett industrijali fl-UE bl-użu tat-teknoloġija Ewropea.

4.12 Il-KESE diġà semma li "l-UE ma tistax iżżomm il-pożizzjoni minn ta' quddiem nett tagħha fl-innovazzjoni mingħajr politiki intelliġenti dwar il-proprjetà intellettwali". Irridu niżguraw li l-innovazzjoni u l-privattivi Ewropej jiġu protetti sew minn intenzjonijiet ostili u spjunaġġ ekonomiku. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni tal-Privattiva Unitarja Ewropea hija indispensabbli<sup>(9)</sup>. Pereżempju, fl-2019, l-Asja ppreżentat 65 % tal-applikazzjonijiet globali għal privattivi. L-Ewropa qiegħda fi 11,3 %<sup>(10)</sup>. Il-proprjetà intellettwali u l-privattivi huma kwistjoni ewlenija, iżda sfortunatament mhumiex imsemmija fil-proposta tal-Kummissjoni.

4.13 Il-KESE japprezza l-Artikolu 171 iddedikat għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-impriżi konġunti. Huwa jilqa' b'mod partikolari l-obbligi ta' monitoraġġ għall-inklużjoni tal-SMEs, il-kompożizzjoni ġeografika u r-rata ta' kofinanzjament. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi li l-kelma "perjodika" tinbidel b'"annwali" jew "kull sentejn", sabiex titneħħa din l-ambigwiżità. Għall-istess raġuni, il-Kummissjoni għandha tagħmilha ċara liema servizz huwa inkarigat mill-attivitajiet ta' monitoraġġ.

4.14 Il-KESE jsostni l-fehma tiegħu li "l-'intelliġenza' ta' sistema soċjoekonomika ma tistax titkejjel biss fuq il-bażi ta' indikaturi kwantitattivi bħan-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni; għandu jsir ukoll użu minn indikaturi kwalitattivi bħat-tip ta' innovazzjonijiet miġjuba, vantaġġi għas-soċjetà ċivili u n-numru ta' impjiegi ġodda maħluqa"<sup>(11)</sup>.

Brussell, id-9 ta' Ġunju 2021.

Christa SCHWENG  
Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

<sup>(9)</sup> ĠU C 364, 28.10.2020, p. 108.

<sup>(10)</sup> Indikaturi tal-Proprjetà Intellettwali Dinjija 2020.

<sup>(11)</sup> ĠU C 440, 6.12.2018, p. 73.